# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 22 ta' Frar, 2024**

**Numru 4**

**Rikors Numru 1070/23TA**

**Arthur Azzopardi (K.I. 77479M) bħala mandatarju speċjali tal-kumpannija Louverlite-Limited reġistrata l-Ingilterra (bin-numru ta' Reġistrazzjoni Ingliż 1011431) li tiġġestjona n-negozju taħt l-isem Louvolite**

**vs**

**Portelli & Brincat Ltd (bin-numru ta' reġistrazzjoni C-5467)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat ta' Louvrelite-Limited (is-Soċjeta' Attriċi) tal-20 ta' Settembru 2023 li permezz tiegħu ppremettiet u talbet is-segwenti:

"<u>Dikjarazzjoni tal-Oġġett tal-Kawża</u>

1. Is-soċjeta' rikorrenti hija kumpannija reġistrata l-Ingilterra (bin-numru ta' Reġistrazzjoni Ingliż 1011431)(Dok. A) u tiġġestjona n-negozju taħt l-isem Louvolite.

2. Is-soċjeta' rikorrenti ilha għal dawn l-aħħar snin ingaġġata mill-kumpannija intimata sabiex tikkunsinna materjal ta' blinds lis-soċjeta' intimata.

3. Ir-relazzjoni ta' negozju bejn il-kontendenti dejjem ħadmet billi s-soċjeta' konvenuta tagħmel l-ordni u l-kumpanija esponenti tissuplixxi l-ordni rikjesta għas-saldu ta' ħlas.

4. Nonostante li s-soċjeta' esponenti dejjem wettqet l-ordnijiet rikjesti da parti tas-soċjeta konvenuta, is-soċjeta attriċi hija dovuta s-somma bilanċjali fl-ammont ta' mija disa' u tmenin elef, sitt mija u ħames liri sterlini u tnax il-ċenteżmu (£189,605.12), ekwivalenti għas-somma ta' mitejn u għoxrin elf, tmien mija u erba u disgħin Ewro u sebgħin ċenteżmu (EUR220,894.70)(Dok. B u Dok. Ċ), fir-rispett tal-imsemmija ordnijiet u materjal li ġie kkonsenjat lis-soċjeta' intimata.

5. Dan il-bilanċ diġa ġie indikat lis-soċjeta' konvenuta u lid-diretturi tagħha diversi drabi sabiex jitħallas il-bilanċ dovut. In fatti, ir-rappreżentanti tal-istess Soċjeta konvenuta kemm-il darba, tramite korrispondenzi mibgħuta lis-soċjeta' attriċi, kkonċedew li dan l-ammont bilanċjali huwa dovut u li ser jiġi saldat fl-iqsar żmien possibbli (Dok. D).

6. Sal-lum (ċioe sad-data tal-presentata ta' dan ir-rikors) is-soċjeta kovenuta baqgħet għal kollox inadempjenti u s-soċjeta' attriċi għadha qiegħda tistenna li dan l-ammont bilanċjali jiġi saldat (Dok. E).

7. Dan id-dejn għalhekk huwa ċert, likwidu, u wieħed li għalaq, hekk kif mistenni mill-artikolu 167 (1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

8. Arthur Azzopardi, bħala mandatarju tal-assenti Soċjeta' Konvenuta, debitament awtorizzat, jaf personalment b'dawn il-fatti kollha.

9. Sa fejn jaf ir-rikorrenti, s-soċjeta intimata ma għandhiex eċċezzjonijiet x'tagħti kontra t-talba.

10. Għaldaqstant, huma pjenament sodisfatti r-rekwiżiti imposti mill-artikolu 167 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Raġuni tat-Talba

1. Għar-raġunijiet premessi, kellhom jiġu istitwiti dawn il-proċeduri.

Talbiet:-

Jgħidu għalhekk l-intimati 'l għaliex din l-Onorabbli Qorti ma għandhiex, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni neċessarja u opportuna:

1. Taqta' u tiddeċiedi din il-kawża bid-dispensa tas-smiegħ ai termini tal-Artikolu 167 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Tiddikjara, għar-raġunijiet premessi, lis-soċjeta' konvenuta hija solidalment debitur tas-soċjeta attriċi fis-somma ta' mija disa u tmenin elf, sitt mija u ħames liri sterlini u tnax il-ċenteżmu (£189,605.12), ekwivalenti għas-somma ta' mitejn, wieħed u għoxrin elf, tmien mija u seba u tletin Ewro u disa' u disgħin ċenteżmu (EUR 221,837.99) rappreżentanti din is-somma bilanċjali fuq ordnijiet u materjal li ġew ikkunsinnat lis-soċjeta' konvenuta.

3. Tikkundanna lis-soċjeta konvenuta sabiex solidalment iħallsu lis-soċjeta attriċi s-somma ta' mija disa u tmenin elf, sitt mija u ħames liri sterlini u tnax il-ċenteżmu (£189,605.12) ekwivalenti għas-somma ta' mitejn, wieħed u għoxrin elf, tmien mija u seba u tletin Ewro u disa' u disgħin ċenteżmu (EUR221,837.99) rappreżenanti din is-somma ammont bilanċjali fuq ordnijiet u materjal li ġew ikkunsinnat lis-soċjeta' konvenuta.

Bl-imgħax sad-data tal-effettiv pagament, u bl-ispejjeż kollha kontra s-soċjeta intimata, inklużi dawk tal-mandat ta' sekwestru kontestwalment preżentat, atti ġudizzjarji li ppreċedew dawn il-proċeduri u/jew ġew imressqa kontestwalment ma' dan ir-rikors ġuramentat, kontra s-soċjeta intimata illi huma minn issa nġunti għas-subizzjoni.

B'riżerva, inoltre, ta' kwalunkwe azzjoni oħra spettanti lis-soċjeta attriċi."

Rat li din il-Kawża saret bil-proċedura speċjali straordinarja ai termini tal-artikolu 167 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li għalkemm din il-Qorti kkonċediet lis-Soċjeta' Portelli & Brincat ltd (is-Soċjeta' Konvenuta) li tippresenta tweġiba ġuramentata fi żmien 20 jum din baqgħet inadempjenti.

Rat l-atti u dokumenti kollha tal-Kawża.

Semgħet ix-xhieda imressqa fil-perkors tal-Kawża.

Rat li s-Soċjeta' konvenuta mogħtija l-fakolta' li tippresenta nota ta' sottomissjonijiet ai termini tal-artikoli 158(10) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta baqgħet inadempjenti.

Rat li l-Kawża tħalliet għal-lum għas-Sentenza.

**Konsiderazzjonijiet**

F'din il-kawża s-Soċjeta' Attriċi qed tirriklama mingħand is-Soċjeta' konvenuta l-ammont bilanċjali ta' €221,837.99 import ta' ordnijiet u materjal konsenjat lis-Soċjeta' Konvenuta.

Kif intqal, għalkemm is-Soċjeta' Konvenuta ingħatat l-opportunita' li tikkontesta din il-Kawża dan ma għamlitux u għalhekk baqgħet kontumaċi. Fis-seduta tad-9 ta' Jannar 2024 xehed Joseph Portelli għas-Soċjeta' konvenuta u jemerġi ċar li dan l-ammont huwa univokament dovut:

"**Dr Clive Gerada** : *Tajjeb. Ha nghamillek referenza li jekk huwa possibli Sur Imhallef, naghmel referenza ghal fol. 66 tal-process. Ha nghamillek referenza ghal paragrafu numru 5. Ha naqralek il-bran, Sur Portelli, Portelli & Brincat Limited has an outstanding balance of one eight nine six zero five twelve that is equivalent to two hundred and twenty one thousand eight hundred and thirty seven and ninety nine cents euros for materials and roller blinds supplied to them by Louver Light Limited under the trading Louvo Light. Xi tghidilna fuq dan il-paragrafu Sur Portelli?*

**Xhud** : *Hekk hu.*

**Clive Gerada** : *Taqbel ma' dik il-figura?*

**Xhud** : *Naqbel naqbel*.

**Qorti** : *Jigifieri inti taqbel li dak l-ammont intom dovuti thallsuh?*

**Xhud** : *Iva.*"

Għalhekk fid-dawl ta' din ix-xhieda u mill-provi prodotti ma tantx hemm xi tgħid, ħlief li l-ammont mitlub huwa kjarament dovut mis-Soċjeta' Konvenuta.

**Decide**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi din il-Kawża bil-mod segwenti:

**Tastjeni** milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel talba attriċi stante li hi eżawrita.

**Tilqa' it-tieni u t-tielet talba** Attriċi u konsegwentement tikkundanna lis-Soċjeta' Konvenuta tħallas lis-Soċjeta' Attriċi l-ammont ta' mitejn u wieħed u għoxrin elf, tmien mija u sebgħa u tletin punt disgħa u disgħin ewro (€221,837.99) bl-imgħaxijiet legali mill-presentata ta' dan ir-rikors sal-pagament effettiv.

Spejjes tal-kawża u kif mitluba a' karigu tas-Soċjeta' Konvenuta.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**